# Ċentinarji u Anniversarji Sena 2010

Dun Duminku Camilleri

### 1950 sena ilu - 60

**Nawfraġju.** Il-qawl malti jgħid "Kull deni ħudu b'ġid", u hekk kien tassew in-nawfraġju ta' Missierna San Pawl fuq il-gżejjer tagħna. Bil-għarqa ta' Pawlu aħna ġejna salvati mill-paganiżmu. Kien hu li għammidna fejn matul is-sekli, missirijietna żammew il-fidi f'Ġesù kif għallimna l-kbir Appostlu tal-Ġnus. Mhux hekk biss, iżda isem Malta u l-karattru twajjeb ta' missirijietna huwa minqux b'ittri tad-deheb fl-ikbar ktieb li qatt inkiteb fid-dinja, il-Bibbja Mqaddsa.

### 300 sena ilu - 1710

**Għajn Salem** 300 mitt sena ilu fit-territorju tan-Nadur, fejn illum hija parti minn Għajnsielem, il-Gran Mastru Ramon Perellos de Roccafull (1697-1720) irranġa fejn kien hemm għajn tal-ilma ġieri, u żejjinha bi tliet loġoġ. Taħt dawn l-arkati kienu nbnew sitt vaski tal-ħasil tal-ġebel fejn l-ilma ġieri kien jgħaddi minnhom għall-użu tan-nies li kienu jgħixu f'dawk l-akwati.

### 250 sena ilu - 1760

**Kwadri.** Fost il-ħafna kwadri li nsibu fil-Kolleġġjata Bażilika tan-Nadur, ninnotaw erbà kwadri tawwalin li jiffiguraw l-Evanġelisti, San Mattew, San Mark, San Luqa u San Ġwann. Ma nafux meta ġew esegwiti għalkemm nafu li huma xogħol l-artist malti, Dun Karlu Żimech (1692-1766). L-ewwel darba li jissemmew kien fid-deskrizzjoni li saret fil-vista pastorali tas-sena 1760, fiż-żmien il-Kappillan Dun Salv Galea (1743-1778). Dun Karlu twieled fil-Belt Valletta fit-2 ta' Lulju 1692 u wara mar jgħix f'Ħaż-Żebbuġ fejn kienu magħrufa bħala *"Tal-Mos"*. Meta kellu fuq sittin sena, minħabba xi mard, irtira għall-arja pura fuq il-għolja tan-Nadur. Nafu li kien wasal ir-raħal ftit qabel is-sena 1755. Il-Kappillan Galea ordnalu biex fost l-oħrajn ipitter dawn l-erbà kwadri. Sabu posthom fil-korsija tal-knisja l-qadima, fejn wara li tlestiet il-ġdida sabu posthom fil-kappelluni tas-salib latin. Fuq żewġ kwadri minnhom, San Luqa u San Ġwann, insibu l-isem tal-awtur. Iżda meta fil-bidu tas-sittinijiet il-Kolleġġjata kienet tinkesa bl-irħam, dawn l-erbà kwadri wara mitejn sena tneħħew u sabu posthom fl-awla kapitulari.

**Mozzetta.** Kien il-Kappillan Dun Salv Galea li beda jilbes għall-ewwel darba r-rukkett u l-mozzetta vjola tal-ħarir fuq is-suttana. Dan il-privileġġ kien biss għall-kanonċi tal-Kolleġġjati. Insibu li din it-talba kienet tmur kontra x-xewqa tal-Kapitli tal-Katidral ta' Malta u tal-Matriċi ta' Għawdex, li pprotestaw ħafna biex il-kappillani ma jkollhomx dawn il-privileġġi bħal tagħhom. Naraw li l-Kapitlu ta' Għawdex fl-10 ta' Marzu 1751 iltaqà biex jiddiskuti din it-talba tal-kappillani. Il-kappillani riedu li jkollhom ilbies distintiv biex tiddistigwih mill-qassisin l-oħra tal-parroċċa, għaliex sa dak iż-żmien il-kappillan kien jilbes biss stola fuq l-ispellizza. Dan il-privileġġ wasal Malta fil-5 ta' April 1760 fi żmien l-Isqof Fra Bartilmew Rull. Għalhekk xahar wara, eżattament f'Lapsi, fil-15 ta' Mejju 1760, il-Vigarju Ġenerali waqt ċerimonja solenni fil-knisja ta' San Lawrenz il-Birgu, formalment ta dan il-privileġġ lill-kappillani.

**Viżta Pastorali.** Fil-5 ta' Ġunju 1760 saret l-unika Viżta Pastorali minn Mons. Bartilmew Rull (1757-1769) l-Isqof taż-żewġ gżejjer. Waqt din il-vista pastorali l-Isqof osserva li l-knisja parrokkjali li tlestiet lejn is-sena 1705 kienet saret tassew żgħira għal-popolazjoni ta' madwar 1400 ruħ. Il-Kappillan Dun Salv Galea (1743-1778) urieħ li fis-sena 1753 kienu diġa` saru xi pjanti mill-Fra. Ġużeppi Grech (1686-1754) mill-Isla, u f'dawn is-sebà snin il-preparamenti baqgħu sejrin.

**Karti tal-Glorja.** Fost l-opri tal-fidda li jiġu armati fil-festa tal-Imnarja, wieħed għandu jsib il-Karti tal-Glorja li jiġu armati fuq l-altar maġġur (illum fuq l-altar tal-kor). Dawn saru ċirka fis-sena 1760, fi żmien il-Kappillan Dun Salv Galea u l-Granmastru Manoel Pinto de Fonseca (1741-1773), għaliex fuqhom insibu l-bull (marka tal-fidda) ta' żmien dan il-granmastru. Il-bull ta' min ħadimhom ma jingħarafx u għalhekk ma nafux min kien.

**L-ewwel ġebla.** Kien il-Kappillan Dun Salv Galea li b'qalb kbira u kuraġġuża beda l-proġett tassew ambizzjuż u grandjuż tal-bini ta' knisja oħra ġdida. Kien eżattament il-Ħadd, 28 ta' Settembru 1760, li bierek u poġġa l-ewwel ġebla ta' dan it-tempju monumentali ddedikat lill-Appostli San Pietru u San Pawl. Tradizzjonalment jingħad li l-ewwel ġebla tinsab eżattament fejn hemm il-bieb il-kbir. Il-Kappillan Galea medd għonqu għall-bini ta' knisja ġdida li barra li kellha tkun akbar mill-ewwel waħda, kellha wkoll tkun waħda monumentali. Il-knisja parrokkjali ġdida ġiet proġettata li tinbena madwar l-ewwel knisja parrokkjali wara li ġie magħżul l-arkitett ta' ħila, Ġużè Bonnici (1707-1779) li kien minn Ħal Luqa u joqgħod il-Furjana. Huwa kien arkitett ewlieni tal-Ordni ta' San Ġwann. Ix-xogħol tal-bini ġie fdat f'idejn mastru Mikielanġ Pisano (1715-1744), iben Franġisk, imlaqqam *"In-Namrat"*, min-Nadur stess. Biż-żmien il-bennej tbiddel u naraw li kien hemm ukoll tnejn oħra: mastru Karlu De Brincat u mastru Anton Gafà *"Tal-Qalfat"* min-Nadur ukoll. Il-Kappillan għażel lil Dun Ġużepp Buttigieg bħala prokuratur tal-bini. Il-knisja damet tinbena 44 sena, sas-sena 1804.

### 225 sena ilu - 1785

**Viżta Pastorali.** Saret it-tielet viżta pastorali minn għaxra li saru, mit-twajjeb Isqof Vincenso Labini (1780-1807). Il-Kappillan kien Dun Franġisk Sapiano (1778-1812). Sapiano kien issa ilu sebà snin bħala kappillan tan-Nadur. Naraw li kull sentejn jew tlieta dan l-isqof żelanti u twajjeb kien itemm u wara ftit jibda viżta pastorali oħra fid-djoċesi tiegħu. Mons. Labini ra li l-knisja parrokkjali għalkemm tassew bil-mod, kienet qed tieħu l-forma tagħha. Il-knisja kienet issa ilha tinbena mis-sena 1760, għal dawn l-aħħar 25 sena.

**Ċensiment.** L-ewwel ċensiment li qatt sar fil-parroċċa tan-Nadur sar fis-sena 1695 mill-ewwel Kappillan Dun Bernard Haber. Il-popolazzjoni tal-parroċċa kienet ta' 410 persuna. Dan kien jissejjaħ *Status Animarum*, (speċi ta' ċensiment). Fi żmien il-kappillan Sapiano saru tmienja. Fis-sena 1785 il-popolazzjoni tan-Nadur kienet tlaħħaq għal 2033 persuna.

**Barrakka.** F'din is-sena 1785, lejn ix-xahar ta' Ġunju, qrib il-festa tal-Imnarja, il-Kappillan Sapiano ordna li tinbena bħal speċi ta' pjattaforma għolja madwar sitt filati mill-art li kont titlà għaliha b'sebà tarġiet. Fuqha kienu joqogħdu l-ġurati mistiedna flimkien mal-kappillan fejn kienu jingħataw il-

premjijiet tat-tiġrija għal nhar l-Imnarja. Dawn il-premjijiet kienu jikkonsistu fil-palji, xi berita u anke mkatar. Intefqu 43 skud (7.45 c euros) għal ġebel, trasport u bini. Din l-barrakka jew loġġa kif kienu jsejħulha dak iż-żmien, wara li kienet ilha mibnija għal 200 sena sħaħ, disgrazzjatament kienet twaqqat mal-iżvilup tal-bini fis-sena 1986. Din kienet propjeta` tal-knisja tan-Nadur li issa ntilfet darba għal dejjem. Għalkemm ma kellhiex xi preġju artistiku, iżda kellha żgur valur storiku. Din baqgħet tintuża sas-sena 1958. L-uniku ritratt li għandi fl-arkivju tiegħi huwa dak tal-Imnarja 1954, fi żmien l-Arċipriet Kan. Mikiel Portelli.

**Imnarja.** Din is-sena l-Imnarja ħabtet l-Erbgħa fi żmien il-Kappillan Dun Franġisk Sapiano, fejn intefqet is-somma ta' 22 skud, 11-il tarí u 10 grani (4.44 euros). Il-flus intefqu hekk: 13-il skud għal pranzu, priedka u servjenti; 4 skudi u 9 tarí għal porvli u sufarelli; 8 tarí u 10 grani għal ħelu u xorb; 2 skudi għal palji u brieret; 2 skudi u 6 tarí għax-xorb ta' *Catavano*. Għal din is-sena ma kienx hemm mużika bħas-sena l-oħra.

**Kruċifru.** L-ewwel Salib tal-Kleru, l-antik, il-parti ta' fuq biss huwa tal-fidda. Dan kien sar ċirka s-sena 1730. Kellu l-lasta tiegħu tal-injam li biż-żmien saret tar-ram arġentat. F'din is-sena 1785 insibu li saret xi tiswija lil dan is-salib li kienet tiswa 2 skudi u 8 tarí (0.51c ta' euro).



*Awla Kapitulari*
*Kolleġġjata Insinji u Bażilika ta' San Pietru u San Pawl*
**San Ġwann Evanġelista**
*Xogħol fuq it-tila li sar minn Dun Karlu Żimech.*
*( ċ 1760 )*

**200 sena ilu - 1810**

**Il-knisja tal-Madonna ta' Loreto.** Skond it-tradizzjoni, il-Madonna dehret lil ċertu Anġlu Grech, imlaqqam *"Ta' Xini"*, li kien ragħaj twajjeb. Huwa kien joqgħod fl-inħawi ta' Għajnsielem, u kellu devozzjoni speċjali lejn il-Madonna. Waqt li kien qiegħed jisqi l-annimali tiegħu mill-funtana ta' Għajn Sielem dehritlu Sinjura liebsa l-abjad, li ordnatlu biex jieħu ħsieb li ssir statwa tal-Madonna taħt it-titlu ta' Loretu. Hekk sar, u l-kappillan Dun Franġisk Sapiano, ta' kull sena beda jinżel flimkien mal-kleru fil-festa ta' Loretu. Wara xi snin, Indri Xuereb imlaqqam *"Tal-Mażord"*, li kien jieħu ħsieb in-niċċa, flimkien ma' Franġisk Mercieca li kien benestant, imlaqqam *"Tal-Hanżira"*, talbu lill-kappillan Sapiano biex jagħtihom permess jibnu knisja fil-post tad-dehra. Fis-sena 1810 il-kappillan Sapiano bierek l-art u poġġa l-ewwel ġebla ta' din il-knisja. Il-bennej kien Franġisku Gafà, *"Ta' Qalfat"* min-Nadur. Damet għaxar snin tinbena.

**Funtana.** Meta tlestiet is-sagristija tal-knisja l-ġdida ħasbu biex jagħmlu bħal speċi ta' funtana li kienet timtela bl-ilma manwalment. Din kienet isservi bħala lavabo (għall-ħasil) tal-idejn qabel is-saċerdot joħroġ jiċċelebra l-quddiesa. Insibu li fil-ħamsinijiet tneħħiet meta sar il-madum tas-sagristija. Baqà biss l-arzell. Fis-sena 1810 insibu li kienu ntefqu 8 skudi, 3 tarí u 15-il grano (1.61 euro) fuq din il-funtana.

**Imnarja.** Din is-sena l-festa li saret fi żmien il-Kappillan Dun Franġisk Sapiano ħabtet il-Ġimgħa. Intefqu 10 skudi għal pranzu; 2 skudi għall-paniġierku; 3 skudi għat-trasport biż-żiemel; 19-il skud u 4 tarí għall-palijiet u brieret għat-tiġrijiet tal-bhejjem u tan-nies; 7 skudi għal porvli u suffarelli; skud għal ħelu u xorb; skud għas-sagristan u skud ieħor għat-tamburlin għal waqt il-purċissjoni. B'kollox mela għal din l-Imnarja ntefqet is-somma ta' 44 skud u 4 tarí ( 8.6 euro).

**San Koronatu.** Din is-sena l-festa sekondarja saret il-Ħadd, 23 ta' Settembru 1810 fi żmien il-kappillan Dun Franġisk Sapiano. L-ispiża tal-festa kienet ta'18-il skud u 2 tarì, ekwivalenti għal (3 euros). Minn din is-somma ġew minfuqa flus għall-isparar u l-mużika.

**175 sena ilu - 1835**

**Orgni.** Nafu li fil-knisja l-qadima kien diġá jeżisti orgni fuq il-gallarija. Kien sar mhux iżjed tard mis-sena 1736. Ma nafux eżattament kif ġie n-Nadur. Dan l-orgni kien iservi f'xi knisja oħra qabel. Nafu biss li dam hawn sas-sena 1897 sakemm inxtara ieħor ikbar u adattat. Wara 100 sena li kien ilu jagħti s-servizz tiegħu fuq il-gallarija, fit-28 ta' April 1835 il-Kappillan Dun Nikol Spiteri ħallas 5 skudi u 6 tarí (1.06 euro) lil Placido Mizzi u Saver Farrugia talli rranġawh, flimkien ma' skud, 8 tarí u 15-il grano (0.33 ċent) għall-ispejjeż; u l-mastrudaxxa Ġużeppi Cassar talli sewwieh, skud u 12 il-grano (0.20 cent). Mela b'kollox l-ispiża kienet ta' 8 skudi, 3 tarí u 7 grani (1.59 euro).

**Imnarja.** Din is-sena l-festa tal-Imnarja ħabtet it-Tnejn. Il-Kappillan Dun Nikol Spiteri (1828-1853) nefaq is-somma ta' 34 skud, 8 tarí, 6 grani (6.76 euros). Dan kien jinkludi tliet tużżani sufarelli u trasport, 2 skudi, 9 tarí, 12-il grano; porvli u trasport 2 skudi u 6 tarí; lil Martin Camilleri għat-trasport tal-premjijiet 15-il skud u 9 tarí; żewġ imkatar tat-tiġrija, 6 tarí u 4 grani; għal lasti tat-tiġrija 19-il tarí, 10 grani; inċens 8 tarí u 16-il grano; paniġierku 3 skudi; għat-tamburlin u fifra jew flawt għal waqt il-purċissjoni; spejjeż 7 tarí; sagristani skud; pranzu għall-konfessuri, paniġerista, ċelebranti u ministri 5 skud; lil Vinċenz Galea għal luminazzjoni tal-fjakkolata skud u 6 tarí.

**150 sena ilu - 1860**

**Kuċċarun.** Fil-vetrina fis-sala tal-Awla Kapitulari, fost l-oħrajn hemm żewġ kuċċaruni tal-fidda li kienu jintużaw

għall-magħmudija. L-antik huwa tas-sena ċirka 1860. Fih insibu t-timbru / bull tas-salib ta' Malta mdawwar ġo ċirku.

**125 sena ilu - 1885**

**Duluri.** Id-devozzjoni kbira lejn id-Duluri kienet ilha ġejja sa minn qabel l-1863 meta nafu li kienet teżisti l-istatwa tagħha. Fuq talba tal-kappillan Dun Ġwann Camilleri (1881-1910), li saret lil Patri Bażilju Salvatori, tal-Ordni tas-Servi ta' Marija, bħala rappreżentant tal-Arċikonfraternitá Rumana tad-Duluri, fl-24 ta' Mejju 1885, ġiet mogħtija l-awtorizzazzjoni biex il-fratellanza tad-Duluri titwaqqaf regolarment fin-Nadur.

**Imnarja.** Din kienet il-ħames darba fil-parrokat tal-Kappillan Naduri, Dun Ġwann Camilleri, li organizza l-festa tal-Imnarja. L-Ispiża totali kienet ta' 204 skudi u 9 tarí (39.72 euros). Dawn kienu maqsumin hekk; Għall-mużika tal-Kanonku tal-Katidral, Dun Giorgo Mercieca 91 skud, 3 tarí u 8 grani; għall-banda ta' Mikieli Teuma (ta' Ljun tar-Rabat) 36 skud; lil Salvu Pace talli rama l-palk tal-banda, 8 skudi u 8 tarí; għall-kant ta' Dun Ġużepp Busuttil 3 skudi u 9 tarí; għan-nar artifiċjali ta' Karmenu Grech, 20 skud; għal-luminazzjoni (tazzi taż-żejt) ta' Karmenu Falzon 33 skud, 8 tarí u 12-il grano; għall-vettura (karozzella) 11-il skud, 3 tarí.



*Awla Kapitulari*
*Kolleġġjata Insinji u Bażilika ta' San Pietru u San Pawl*
**San Luqa Evanġelista**
*Xogħol fuq it-tila li sar minn Dun Karlu Żimech.*
*( ċ 1760 )*

**100 sena ilu - 1910**

**Ritratt.** L-ewwel ritratt tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tan-Nadur ittieħed fil-purċissjoni ta' San Girgor nhar it-12 ta' Marzu 1910. L-Arċipriet Kan. Ġwann Camilleri jidher fir-ritratt flimkien mal-Kapitlu tan-Nadur fit-Telgħa tal-Katidral. Fir-ritratt jidhru għaxar kanonċi. Ma kienx preżenti biss l-Arċipriet Koġitur Dun Martin Camilleri.

**Tberik u Konsagrazzjoni.** Fil-parroċċa tan-Nadur it-tieni knisja hija ddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Din bdiet tinbena fis-sena 1902 u l-Isqof Mons. Ġammarija Camilleri O.S.A. qiegħed u bierek l-ewwel ġebla tagħha. L-istess isqof insibuh li bierek u kkonsagraha Ħadd fuq Għid il-Ħamsin, is-Solennità tat-Trinità Mqaddsa, fit-22 ta' Mejju 1910. Din il-knisja nbniet bit-tħabrik tat-twajjeb Dun Ġużepp Vella u wara li miet fis-17 ta' Ġunju 1906, komplew ix-xogħol il-familja tiegħu magħrufin bħala *"Ta' Karkanja"*. F'dan il-jum tbierket ukoll it-tielet qanpiena li hemm fil-kampnar li ssemmiet *Maria Assumpta*.

**Rettur.** Meta ġiet ikkonsagrata l-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, il-familja Vella bil-kunsens tal-Isqof Camilleri, ħatru lil Dun Anton Falzon bħala l-ewwel rettur ta' din il-knisja ġdida. Huwa kien ġie ordnat fl-20 ta' Diċembru 1902, u dam sittax-il sena, bħala Rettur.

**Bini.** Wara tliet snin, 1907-1910, xogħol fil-pedamenti u fit-tkabbir tan-navi tan-Nofsinhar u l-biċċa l-kbira tan-navi tat-Tramuntana mill-bennej l-imgħallem Pawlu Buhagiar mill-Ħamrun, huwa ħalla dan ix-xogħol. Pawlu ħalla t-timbru tiegħu billi maż-żewġ ħitan fuq barra wieħed għadu jistà jara salib kif hemm fil-knisja tal-Ħamrun. Għalhekk instab bennej ieħor din id-darba mix-Xewkija. Kien Ċikku Farrugia *"Ta' Ċiattu"* (1864-1940). Dan l-imgħallem li beda x-xogħol fit-tkabbir tal-Kolleġġjata fis-sena 1910, baqà sejjer għal ħames snin sħaħ. Ċikku lesta x-xogħol li kien għad baqà fin-navi tat-tramuntana u wara beda l-koppla u anke l-portiku.

**Mewt.** Fil-31 ta' Mejju 1910, ħalla din id-dinja l-mibki l-ewwel Arċipriet tal-Kolleġġjata tan-Nadur, il-Kan. Dun Ġwann Camilleri fl-etá ta' 80 sena. Kien ilu Kappillan u wara Arċipriet tal-parroċċa tan-Nadur mill-1881 sal-1910, għal 29 sena. Qabel kien serva bħala kappillan taż-Żebbuġ għal sentejn mill-1863-1865 u tax-Xagħra għal 16 il-sena, mill-1865 sal-1881. F'dawn it-tliet parroċċi kien hu li ġabilhom l-istatwa titulari.

**Pussess.** L-Arċipriet Kan. Martin Camilleri S.Th.D. (1910-1921) jieħu t-tieni pussess, din id-darba bħala t-tieni Arċipriet effettiv tal-Kolleġġjata tan-Nadur fis-26 ta' Ġunju 1910, meta kien għad għandu 37 sena. Għad baqà jeżisti l-invit tal-pussess. Hu jiġi n-neputi tal-Arċipriet Kan. Ġwann Camilleri li kien għadu kif miet. Kien diġá ġie magħżul bħala Koġitur ta' zijuh bid-dritt tas-suċċessjoni wara supplika li kien għamel lil Papa Piju X (ilum qaddis) fejn ġie kkonfermat bl-Ittri Appostoliċi tal-5 ta' Awwissu 1909. Għalhekk fis-7 ta' Novembru 1909, nhar il-festa ta' San Koronatu, it-Teżorier tal-Kapitlu ħa l-ewwel pussess tiegħu.

**Imnarja.** Din is-sena l-festa tal-Imnarja kienet ferm inqas brijuża mis-snin ta' qabel minħabba żewġ fatturi. L-ewwel minħabba l-mewt tal-ewwel Arċipriet Kan. Ġwann Camilleri, li miet xahar qabel, fil-31 ta' Mejju. It-tieni minħabba l-ispejjeż tal-bini tat-tkabbir tal-knisja. Naraw li fis-sena 1908 intefqu £49 (114 euros), fis-sena 1909 intefqu £24 (56 euros), u fis-sena 1910 in-nefqa kienet ta' £9, 10s. 5d. (22.18 euros).

**San Ġużepp.** Meta l-Arċipriet Kan. Dun Martin Camilleri kien għadu kemm beda l-proġett tat-tkabbir tal-knisja, ħa ħsieb biex jordna l-istatwa ta' San Ġużepp. Kien huwa stess



*Awla Kapitulari*
*Kolleġġjata Insinji u Bażilika ta' San Pietru u San Pawl*
**San Mattew Evanġelista**
*Xogħol fuq it-tila li sar minn Dun Karlu Żimech.*
*( ċ 1760 )*

li ħażżeż il-mudell kif xtaqu u bagħtu fil-fabbrika *Galard et Fils* ta' Marsilja fi Franza fejn kienet saret l-istatwa titulari fuq 25 sena qabel (1882). Il-fabbrika qabel ma ħadmitha, bagħtet abbozz tagħha li għadu jeżisti fil-mużew tal-Kolleġġjata wara li kont ħadt ħsieb niġbru mingħand il-qraba tal-Arċipriet f'Ottubru 1991. L-istatwa turi lil San Ġużepp bħala protettur tal-Knisja, għaliex qiegħed iżomm f'idejh il-knisja tal-Vatikan. Maġenbu bil-wieqfa fuq id-dinja jidher Ġesù jħaddan is-salib. Nafu li waslet fostna fis-sena 1910, għaliex għandna ritratt antik li juri din l-istatwa fuq il-pedistal u fin-niċċa l-qadima tal-istatwa titulari fil-korsija nhar l-Imnarja 1910, meta n-nava tan-nofsinhar biss kienet għadha lesta.

**Sant Antnin.** Il-kwadru li jinsab fuq l-altar ta' Sant Antnin tpitter mill-Prof. Lazzaro Pisani fis-sena 1910. Din hija l-ewwel pittura ta' dan il-pittur malti f'din il-Kolleġġjata Bażilika fost 153 waħda tiegħu. Pisani b'dan il-kwadru kien rebaħ il-konkors biex ikun jistà jpitter is-saqaf u l-koppla tal-knisja. Fin-naħa t'isfel tal-pittura wieħed għadu jistà jara l-firma ta' Pisani u l-*anno*. Ħallset għall-ispejjeż tiegħu Anġela Haber li kienet tiġi qariba ta' Dun Ġużepp Haber. Jingħad li dan il-kwadru serva biex kien ta' gwida għal pittura tal-istess Qaddis fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani fl-Imgarr fejn ġie aktar elaborat minn tan-Nadur.

**Viżta.** Saret l-ewwel viżta pastorali fi żmien il-parrokat tal-Arċipriet il-ġdid il-Kan. Martin Camilleri. Il-viżta bdiet fit-tieni Ħadd tal-Avvent, fl-4 ta' Diċembru 1910 mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Fra. Ġanmarija Camilleri.

**Villa Rumana.** F'Diċembru 1910 waqt li xi bdiewa kienu qegħdin jagħżqu l-għelieqi tagħhom li kienu jinsabu taħt il-fortina jew batterija qadima mwaqqfa mill-Kavallieri fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra, f'ħin bla waqt minn qalb ir-ramel bdew jitfaċċaw bċejjeċ sbieħ tal-irħam. Ix-xniegħa xterdet u l-fotografu Mikiel Farrugia li kien għalliem tal-iskola u kien joqgħod in-Nadur, mar malajr fuq il-post. Malajr huwa għarraf b'telefonata lid-direttur tal-mużew, Sir Temi Zammit. Ġew imqabbda xi nies biex iħammlu u wara xi ġranet, taħt metru ramel, inkixef paviment tal-irħam. Dan kien jikkonsisti f'dar kbira, għalhekk villa, ta' żmien ir-Rumani. Zammit kien tal-fehma li jikkonserva l-fdalijiet iżda minħabba l-ispejjeż reġà radam kollox taħt ir-ramel kif kien. Dan sar wara li ttieħdu l-affarijiet l-iktar importanti fil-mużew f'Malta.

### 75 sena ilu - 1935

**Ċimiterju.** Ix-xogħol għall-bini taċ-ċimiterju ġdid beda f'Settembru 1934. Il-bennej kien Ġużepp Attard *"Il-Laħam"* min-Nadur li bena wkoll il-Kappella tal-Addolorata. Fl-aħħar ta' Diċembru 1934, l-Arċipriet Kan. Ġużepp Cassar, għarraf lill-awtoritajiet tal-Gvern li għalkemm kien għadu ma tlestiex għal kollox, talab biex l-inawgurazzjoni taċ-ċimiterju ssir fl-1 ta' Jannar 1935 kif fil-fatt hekk ġara. L-ispejjeż għal din is-sena kienu ta' £133, 17s. 2d. (311.95 euros).

**Paviment.** Ix-xogħol tal-paviment tal-Kolleġġjata tan-Nadur din is-sena baqà għaddej ġmielu. Naraw li fl-4 ta' April 1935, id-Ditta *Barbarossa* ta' Mario Accarino tal-Marsa tħallset is-somma ta' £50 lira (116.5 euros) oħra.

**Konċilju Reġjonali Malti.** F'Ġunju 1935 l-Isqof Mons. Mikiel Gonzi, u miegħu l-Arċisqof Mons. Mawru Caruana, sejħu Konċilju Reġjonali ħalli jaraw flimkien x'jistgħu jbiddlu u jaġġornaw ma' dak li ried u xtaq il-Papa. Id-deċiżjonijiet meħuda ġew kollha stampati fi ktejjeb. Minħabba dawn id-deċiżjonijiet fin-Nadur ġew sopressi diversi privileġġi fosthom il-quddiesa tas-sebà ministri u l-kuda li kien jilbes id-Dekan waqt il-funzjonijiet.

**Inkuranazzjoni.** Nhar il-festa tal-*Corpus Domini*, nhar il-Ħamis, 20 ta' Ġunju 1935 l-Kardinal Lepicier inkuruna bl-akbar pompa l-kwadru mirakoluż tal-Madonna Ta' Pinu. Ta' min ifakkar hawn li l-kwadru Ta' Pinu kien armat fuq l-altar tal-injam li kien inħadem minn Dun Ġużepp Vella (1854-1906) *"Ta' Karkanja"* min-Nadur. Dan l-altar wieħed għadu jistà jarah fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù fin-Nadur.

**Tron.** Kif kienet l-użanza f'dawk iż-żminijiet, l-isqof tad-djoċesi kien ikollu t-tron tiegħu li kien jintrama kull meta kien jinfunżjona f'kull parroċċa fid-djoċesi tiegħu. Kien ilu jinħass il-bżonn li jsir tron ġdid, u għalhekk il-benefattriċi kbira Roża Tonna ħallset il-parti kbira tal-ispejjeż. It-tron kien jikkonsisti mhux biss f'siġġu fuq tliet tarġiet iżda biċ-ċelu (saqaf) u bid-dar tal-bellus. Dan baqà` jintrama sa wara l-Konċilju Vatikan II, (1970) meta nbidlu r-riti tal-liturġija. Roża kienet ħarġet is-somma ta' 60 lira maltin (140 euros) mis-somma ta' 92 lira u 5 xelini (215 euros) kemm ġie jqum. It-tron tlesta fix-xahar ta' Diċembru 1935.

**Imnarja.** Din is-sena 1935, il-festa kienet fi żmien l-Arċipriet Kan. Ġużepp Cassar (1927-1950). Il-ġabra għall-festa kienet ta' £106, 8s.2d. (247.96 euros). L-ispejjeż għal din is-sena kienu ta' £164, 16s. 3d. (384.07 euros). In-novena għamilha Dun Salv Fiteni D.D. minn San Lawrenz u l-paniġierku sar minn Patri Alipio Xerri O.S.A. Il-mużika tat-tridu u tal-festa kienet taħt id-direzzjoni tas-surmast malti Mro. Ġużeppi

Camilleri; kienu ħadu sehem il-Banda ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi u La Stella tar-Rabat.

**Viżta.** L-Isqof, Mons. Mikiel Gonzi għamel it-tielet viżta pastorali tiegħu minn erba` li għamel fil-parroċċa tan-Nadur. Din bdiet fl-1 ta' Diċembru 1935, fl-ewwel Ħadd tal-Avvent. Din saret fi żmien il-parrokat tal-Arċipiet Kan. Ġużepp Cassar. Wara r-riti tas-soltu, l-Isqof Gonzi mar flimkien mal-Kapitlu, Kleru u l-poplu proċessjonalment lejn iċ-ċimiterju l-ġdid li kien għadu qiegħed jiġi mibni fl-inħawi tat-Torri ta' Kenuna. Hemm l-Isqof bierku b'mod solenni waqt li għamel kelmtejn tal-okkażjoni.

**Kappellina.** Fit-tarf ta' Triq San Ġwann kantuniera mat-toroq Tiġrija u l-Qala, tinsab kappella żgħira, iżda ħelwa, ddedikata lil Marija Assunta Ta' Pinu. Din ġiet mibnija minn wieħed mill-benefatturi tal-knisja, il-Kavallier Ġużeppi Camilleri. Fiha hemm altar żgħir bi kwadru mpitter minn George Scicluna mir-Rabat, li huwa replika ta' dak li jinsab fil-Bażilika tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Il-kappella ġiet imbierka mill-Isqof Mons. Mikiel Gonzi fit-2 ta' Diċembru 1935 waqt il-viżta pastorali tiegħu fost il-preżenża tal-publiku u tat-tfal tal-iskola primarja.



*Awla Kapitulari*
*Kolleġġjata Insinji u Bażilika ta' San Pietru u San Pawl*
**San Mark Evanġelista**
*Xogħol fuq it-tila li sar minn Dun Karlu Żimech.*
*( ċ 1760 )*

**50 sena ilu - 1960**

**Leġjun ta' Marija.** Fil-parroċċa tan-Nadur il-Leġjun kellu bidu fis-sena 1960 fi żmien l-Arċipriet Kan. Mikiel Portelli. Il-mertu hu ta' Melita Camilleri mill-Qala u Doris Cini mir-Rabat. Dawn għamlu ħilithom biex iħarrġu l-membri ġodda tal-parroċċa. Aktar tard, il-laqgħat tmexxew minn Grace Camilleri minn Nadur u kellhom l-assistenza spiritwali ta' Dun Pietru Pawl Said u Dun Rużar Borg.

**Kunsillier.** Wara li l-Gvern għaraf is-siwi tal-kumitati ta' Għawdex, kompla jiddelega billi waqqaf il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex. Nafu li kien fit-30 ta' Ottubru 1958 meta ġie iffurmat l-ewwel *Gozo Civic Committee.* Sena wara, fit-30 ta' Mejju 1959, ġie mwaqqaf l-ewwel Kumitat Distrettwali fin-Nadur fejn kellu bħala l-ewwel President tiegħu l-Kan. Dun Marċell Galea flimkien ma' ħdax-il membru ieħor. Iżda l-Kan. Galea miet għal għarrieda fis-7 ta' Ġunju, biex minfloku nħatar in-Nutar Dr. Ġużeppi Cauchi. Wara kważi sena, in-Nutar Cauchi rreżenja minn din il-kariga fejn f'April 1960 l-Arċipriet Kan. Mikiel Portelli ġie kkoptjat u nħatar President tal-Kumitat Ċiviku ta' Għawdex. Fil-14 ta' Marzu 1960, il-Gvern biddel l-isem tal-Kunsill, li beda jissejjaħ *Gozo Civic Council.*

**Aktar irħam** F'din is-sena, 1960, waqt li beda l-proġett tal-irħam tal-knisja, insibu li saru l-pedistal ta' San Pietru l-Iswed tal-irħam. Saret ukoll il-bażi tal-art madwar l-istess pedistal bl-irħam mir-raġġi bojod u suwed. Għamilhom Speditu Sacco u ġew iqumu s-somma ta' 160 lira ( 372 euros).

**Katina ta' San Pietru.** L-aħħar darba li ħarġet b'purċissjoni l-Katina ta' San Pietru, kien fl-1 ta' Awwissu 1960. Is-sena ta' wara din il-festa tneħħiet mill-kalendarju liturġiku. Meta kien għadu qiegħed jistudja ġewwa Ruma, il-Kan. Też. Martin Camilleri ħa ħsieb biex iġib fil-parroċċa tan-Nadur katina replika, bħal dik li hemm fil-Bażilika ta' *San Pietro in Vincoli,* fejn ġiet mimsusa ma' dik oriġinali. Dan kien fid-19 ta' Jannar 1901 kif jindika d-dokument li hemm merfugħ fl-Awla Kapitulari. Iżda l-ewwel darba li saret il-purċissjoni kien meta Dun Martin kien Arċipriet, u din saret il-Ħadd, l-1 ta' Awwissu 1915. Dak iż-żmien il-festa liturġika tal-Katina ta' San Pietru kienet tiġi fl-1 ta' Awwissu. Kienet saret kaxxa ornamentali sempliċi fuq bradella bil-katina ġo fiha. Iżda l-Arċipriet Camilleri ħaseb ukoll biex jordna urna aktar adattata għal din il-katina minn Bolzano l-Italja. Il-benefatturi kienu l-aħwa Xuereb. L-urna waslet fid-dwana ta' Malta fit-8 ta' Settembru 1921, dakinhar stess li miet l-Arċipriet Camilleri. Ġiet tiswa s-somma ta' £40 lira (93 euros).

**Pulptu.** Din ix-xewqa kien ilha tinħass. Il-ħsieb kien li dan il-pulptu isir fl-irħam u jieħu post dak qadim maħdum fl-injam. Wara konsultazzjoni ntgħażel dak propost mill-Kav. Oscar Testa. Benefattriċi kbira ta' dan il-pulptu kienet Marija Debono li ħarġet £2200 (5126 euros), kważi nofs is-somma ta' kemm kien se jiġi jiswa, jiġifieri £5200 (12,116 euros). Għal dan ix-xogħol tal-pulptu ġiet magħżula d-Ditta *Temistocle Sarte* ta' Pisa. Ħadmu l-iskultur *Gualtiero Luisi.* Għax xogħol tat-tħaffir tal-passaġġ fil-pilastru daħal b'sogru kbir, Anġlu Camilleri *"L-Bediq"* fejn ma ħa xejn ta' ħidmietu. Ix-xogħol beda l-Ġimgħa, 11 ta' Novembru 1960 u dam sejjer sal-10 ta' Diċembru 1960. Huwa kkalkulat li dan il-pulptu ta' irħam u bronż jiżen 10 tunnellati. Fit-18 ta' Diċembru 1960 ġie nawgurat u mbierek mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace.

**Museum.** Il-museum tad-duttrina nisranija ġewwa Malta, twaqqaf mill-Qaddis Dun Ġorġ Preca fis-sena 1907. Il-museum femminili fin-Nadur beda fis-sena 1915 u dak maskili fis-sena 1946. Dawn maskili ma kellhomx post adattat tagħhom, u wara li kien ilhom jiġru minn post

għal ieħor (fit-tlitt idjar differenti), l-Arċipriet Kan. Mikiel Portelli tahom biċċa art kbira mill-prebenda tiegħu, fi sqaq fi Triq il-Kbira (illum Triq Dun Ġorġ Preca f'Triq Diċembru 13). Ġew avviċinati żewġ periti, Michael Falzon u Ġużè D'Amato flimkien mad-*draftsman* ex-soċju tas-soċjetá, Joe Torpiano, biex jagħmlu l-pjanti tagħhom. Wara studju u konsultazjonijiet ġiet magħżula dik ta' Torpiano. Saret il-pjanta u fit-13 ta' Diċembru 1960, tqassmet fil-parroċċa kollha tan-Nadur kartolina li turi kif kellha tiġi dak iż-żmien din id-dar tad-duttrina, biex jibdew jiġrbu l-fondi.

**Milied.** Issa li l-għaqda tal-abbatini, il-*Piccolo Clero*, kienet organizzata ferm tajjeb, id-direttur Dun Martin Sultana, ħaseb biex għall-ewwel darba l-priedka tal-Milied issir minn abbati. Intgħażel Emmanuel (Leli) Muscat *"Tal-Wied"*, abbati ta' ħdax-il sena għal-priedka tradizzjonali tal-Milied, fil-lejl tal-25 ta' Diċembru 1960. Kienet idea tajba għaliex intgħażel dan l-abbati minħabba ismu, Emmanuel bħat-tarbija ta' Betlehem, "Alla magħna". Dun Martin jirrakkonta hekk: *"Niftakar li meta nżilna naraw ħafna nies, fosthom l-Arċipriet, jixxottaw id-dmugħ minn għajnejhom li kien żvog tal-ferħ li kienu qed iġarrbu."*

**25 sena ilu - 1985**

**Kumitat.** Fit-13 ta' Jannar 1985 saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Banda Mnarja. Ġew magħżula disà membri bil-President is-Sur Ġużeppi Curmi. Matul is-sena l-Kumitat iltaqà 26 darba fejn fost l-oħrajn ġie maħtur Assistent Surmast biex jgħallem lill-alljievi. Ġie wkoll imwaqqaf kumitat biex jibda joħroġ rivista kull tliet xhur, u li din kellha tibda fil-bidu tas-sena l-ġdida.

**Mużew.** F'Novembru 1983, Dun Duminku Camilleri beda jieħu ħsieb jirranġa l-Awla Kapitulari mill-imbarazz li kien hemm miġbur fiha minħabba n-nuqqas ta' spazju fis-sagristiji. L-Awla ġiet mibdula f'mużew żgħir tal-Kolleġġjata Bażilika. Sar tiftix f'kull rokna tal-knisja u dak li kien tajjeb għall-mużew tpoġġa fih. B'hekk kull ħaġa li kienet imwarrba issa kienet ġiet esposta biex setgħet titgawda. Din l-inizjattiva tlestiet fil-bidu ta' din is-sena 1985. Ħasra però li hemm nuqqas ta' spazju.

**Stained glass.** Waqt li kien għaddej ix-xogħol fis-saqaf, Dun Duminku Camilleri ħa l-inkarigu biex jirrestawra t-twieqi kollha tal-kulur u li jiġu magħmulin jinfetħu għall-kumdità tal-armar u xogħol ieħor peress li qabel kienu fissi.

**Pellegrinaġġ.** Fit-29 ta' Marzu 1985 sar, fiż-żmien l-Arċipriet Mons. Salvu Muscat (1982-2010) għall-ewwel darba, il-Pellegrinaġġ Penitenzjali bl-istatwa tal-Madonna tad-Duluri. Dan dejjem isir il-Ġimgħa ta' qabel Ħadd il-Palm. Dan ġie organizzat mill-Kumitat tal-Liturġija tal-Parroċċa. Beda minn Triq San Ġwann minn fejn il-kappella tal-Madonna Ta' Pinu u għadda minn Triq Diċembru 13. Kien hemm sebà waqfiet b'riflessjoni fuq id-Duluri tal-Madonna. Saret sejħa minn Dun Mikiel Attard biex fil-ġimgħa tal-Ġimgħa l-Kbira tibda tixtered l-użanza li fit-twieqi tad-djar ikun hemm esposti xbiehat sagri tal-passjoni, bħal fil-każ tal-Bambin fil-Milied.

**Rivista.** Kien ilu jinħass il-bżonn li biex fil-parroċċa tan-Nadur ukoll ikollha rivista tagħha. L-ewwel laqgħa tal-Board Editorjali saret fl-uffiċċju parrokkjali fil-21 ta' April 1985, fejn Dun Duminku ppropona li r-rivista tissemma "Luminarja", ssuġġerixxa l-logo fil-faċċata, filwaqt li kiteb l-ewwel kumment editorjali fejn spjega r-raġunijiet għaliex qiegħda tiġi stampata din ir-rivista. Fil-fatt l-ewwel ħarġa ħarġet qrib l-Imnarja, f'Ġunju 1985, u kien fiha 16-il paġna bil-programm tal-festa fin-nofs. Ġiet ippubblikata erbà darbiet fis-sena: f'Marzu qrib il-Għid, f'Ġunju qrib l-Imnarja, f'Settembru, u fil-Milied. F'Marzu ta' din is-sena, 2010, din ir-rivista ħarġet il-100 ħarġa tagħha.

**Quiz Bibliku.** Fl-14 ta' Ġunju 1985, sar għall-ewwel darba, Quiz Bibliku dwar il-ħajja u l-mewt ta' San Pietru u San Pawl, taħt il-patroċinju tal-Isqof Mons. Ġ. Cauchi; intrebaħ minn Jane Muscat li tiġi n-neputija tal-Arċipriet Muscat.

**Qalb Ġeneruża.** Il-Kumitat Promozzjoni Umana - Nadur, mis-sena 1985, beda ta' kull sena jniedi l-Premju *Qalb Ġeneruża*, għal dak it-tifel jew tifla li matul is-sena jkunu wrew sinjali ta' qalb tajba aktar minn sħabhom. Għal din is-sena dan il-prempju ngħata lil Angela Mifsud u l-Isqof, Mons. Nikola Ġ. Cauchi rregalalha r-rigal flimkien max-*shield* nhar l-Imnarja.

**Kerċem.** Fit-12 ta' Lulju 1985, il-Kapitlu u l-Kleru tan-Nadur ħadu sehem f'Pontifikal immexxi mill-Abbati Dom Angelo Mifsud fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tat-Twaqqif tal-Parroċċa ta' Kerċem. Il-mistieden speċjali kien il-Kardinal l-E.T. Pietro Palazzini li s-Sibt 13 ta' Lulju, ġie jżur il-Bażilika tagħna u ffirma il-ktieb tal-viżitaturi.

**Festa tat-tfal.** Fi Triq it-Telegrafu, ġiet organizzata għat-tieni sena, festa mit-tfal għat-tfal, ta' San Pietru u San Pawl. Din saret il-Ħadd 11 ta' Awwissu 1985. Għal din is-sena l-kumitat immexxi mill-abbati Christopher Said, ippubblikaw ktejjeb ta' 16-il paġna għall-okkażjoni. Fih minn barra l-programm, hemm xi tagħrif ieħor u kitbiet u poeżiji. L-awtur ta' din il-kitba ġie mistieden jikteb il-ħsieb spiritwali fejn ukoll ta ħafna għajnuna biex din il-festa setgħet tirnexxi għas-sodisfazzjon ta' dawk involuti.

**Ċensiment.** Skond l-aħħar ċensiment li sar fin-Nadur fis-16 ta' Novembru 1985, il-popolazzjoni tan-Nadur kienet imqassma kif ġej:- Nisa 1869 u Rġiel 1613, total ta' 3,482. F'din is-sena l-area tan-Nadur tkejjel b'7.740 kilomentru kwadri. Dan juri li n-Nadur jiġi l-akbar territorju f'Għawdex wara dak ta' Għajnsielem u Kemmuna flimkien.

**Viżta.** Saret ir-rabà Viżta Pastorali mill-Isqof Mons. Nikola Ġ. Cauchi. Din bdiet fil-parroċċa tan-Nadur fl-ewwel Ħadd tal-Avvent, nhar l-1 ta' Diċembru 1985.

**Stedina.** Il-Kapitlu u l-Kleru tan-Nadur kienu mistiedna mir-Rettur tal-Kunċizzjoni tal-Qala, Dun Mikiel Buttigieg, biex jiffunzjonaw lejliet u nhar il-festa, fis-7 u 8 ta' Diċembru 1985. Din l-istedina saret fl-okkażjoni tal-2000 sena mit-twelid tal-Madonna.Tniżżlu wkoll l-insinji tal-Kolleġġjata u Bażilika. Il-Ħadd, għamel il-paninġierku l-Kan. Dun Ġużepp Gauci tal-Bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat.

**Referenzi:** Agius De Soldanis GioPietro Francesco, *Għawdex bil-ġrajjiet tiegħu*, v. I, II, 1936-1953, Caruana Karm, *IN-NADUR u t-Tempju Tiegħu Monumentali*, 1953, Bonnici Alexander, *IN-NADUR Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika Imxebilkin fil-Ħajja Soċjali ta' Għawdex*, v. I-II, 1984-1988, Camilleri Duminku, is-sensilla *VIGILAT,* Cauchi Nikola, Dun Frangisk Grima, Bezzina Joseph, *Sannat fi ġrajjiet Għawdex*, Calleja Joe, *Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000*, Gauci Anton, *Pajjiżi taħt l-Ingliżi,* Tonna Emmauel, Galea Michael, *L-Arċisqof Gonzi,* Cauchi Ġużepp, *Djarji,* Portelli Ġwann, *Djarji u notamenti,* Sammut Tagliaferro A., *The Coastal Fortifications of Gozo and Comino*, 1993, Spiteri Stephen C., *Fortresses of the Cross*, 1994, Farrugia Jimmy, *Antique Maltese Domestic Silver*,1992, *Arkivju Arċiveskovili, Malta. Arkivju Episkopali, Għawdex, Arkivju Kolleġġjata tan-Nadur, Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira - Nadur*, 1995, *Il-Banda Mnarja 1967-1994*, 1995, Camilleri Pietru Pawl, *Nadur Youngters F.C. storja ta' l-ewwel 40 sena*. 1999, Almanakk Kattoliku, 2007, *Devot ta' Maria, Gazzetta tal-Gvern, Ħajja f'Għawdex, Bullettin.*